

**Dispożittiv**

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tas-27 ta' April 2016 li xxolji l-kuntratt għal żmien indeterminat ta' RY hija annullata.*
- 2) *Il-Kummissjoni hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 144, 8.5.2017

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2018 – TP vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-464/17) (<sup>1</sup>)

*(“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Remunerazzjoni — Żamma mis-salarju — Pensjoni tal-manteniment mogħtija minn qorti nazzjonali fil-kuntest ta' proċedura ta' divorzju — Kooperazzjoni legali mal-istanzi ġudizzjarji nazzjonali — Kompetenza limitata — Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal — -Kodiċi Ewropew ta' Kondotta Amministrattiva Tajba — Regola ta' konkordanza — Att li jikkawża preġudizzju — Talba għad-danni — Osservanza tal-proċedura prekontenzjuża”)*

(2019/C 93/63)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrent: TP (rappreżentant: W. Limuti, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Berscheid u R. Striani, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li twettaq żamma fix-xahar fuq is-salarju tar-rikorrent fir-rigward ta' pensjoni tal-manteniment imħallsa lill-ex konjuġi tiegħu, fl-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni mogħtija minn qorti Taljana u, min-naħa l-oħra, għal-kumpens ta' dannu li r-rikorrent kien allegatament issubixxa.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *TP huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 309, 18.9.2017.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Jannar 2019 – Haswani vs Il-Kunsill**

(Kawża T-477/17) (<sup>1</sup>)

*(“Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra s-Sirja — Iffriżar ta' fondi — Obbligu ta' motivazzjoni — Proporzjonalità — Żball ta' evalwazzjoni”)*

(2019/C 93/64)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: George Haswani (Yabroud, is-Sirja) (rappreżentant: G. Karouni, avukat)